MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 417/2004/1

**Emmanuel Borg**

**vs**

**The Two Divers Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-5 t'Awissu 2004 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u disa' u hamsin lira Maltin (Lm3,559) kwantu ghal elf, hames mija u disa' u hamsin lira Maltin (Lm1,559) bilanc ta' kera ghall-perijodu 15 ta' Mejju 2003 sa l-24 ta' Awissu 2004 u elfejn Lira

Maltin (Lm2000) penali ghax-xoljiment ta' kuntratt ta' kera qabel iz-zmien stipulat u dan kollu skond kuntratt ta' kera hawn anness u mmarkat bhal Dokument A u li s'issa ma thallsitx. In oltre tkun ikkundannata li thallas mitejn u hmistax-il Lira (Lm215) valur ta' mera li kienet imwahhla fl-ambjenti mikrija lis-socjeta' konvenuta u li llum m'ghadiex tezisti fl-imsemmija ambjenti.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Mejju 2004 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali u cioe' mill-25 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi mhijiex il-legittima kontradittrici;

2. L-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa proprjetarju tal-Luna Holiday Complex illi jinsab fil-Mellieha u permezz ta' zewg kuntratti, dak tal-15 ta' Mejju 2002 (fol 2 ) u l-iehor iffirmat fil-15 ta' Lulju 2003 illi kellu jkun res operabbli fil-15 ta' Mejju 2005 (fol 27), is-socjeta' konvenuta nghatat il-fakulta' li topera "diving centre" mill-fondi proprjeta' ta' l-

attur. L-operazzjoni kummercjali gestita mis-socjeta' konvenuta tidher illi kienet sejra tajjeb u xoghol kien hemm. Ghall-ewwel sena u nofs il-gestjoni ta' kulljum tac-centru kien qed jigi operat minn Marietta l-mara ta' Natalino Caruana Debrincat izda jidher illi f'Settembru 2003 inqala l-inkwiet bejn Natalino Caruana Debrincat u l-mara tieghu, b'tali mod illi Caruana Debrincat minhabba ragunijiet medici, kif xehed hu stess, ma setghax ikompli fl-operazzjoni tac-centru u gie suggerit illi l-operazzjoni tibqa' gestita minn omm Natalino Jane Debrincat. Huwa veru illi ghall-ewwel l-attur kien oggezzjona illi dan isir pero' wara kien ta l-permess tieghu ghall-kontinwazzjoni ta' l-operazzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Fil-frattemp Natalino Caruana Debrincat kien wasal f'arrangament sabiex jitrasferixxi l-ishma tal-kumpanija konvenuta u kien qabbad lil Salvino Farrugia biex jipprepara d-dokumenti necessarji. Hawnhekk l-attur kien wera oggezzjoni illi fil-fond tieghu jidhlu nies ohra u kif xehed hu stess a fol 81 wara illi kellem lis-Sur Farrugia "...ghidtlu biss illi jiena ma kontx ser naccetta nies ohra f'dak il-fond minghajr ma l-ewwel javvicina lili...."

Salvino Farrugia a fol 71 ighid "naturalment is-Sur Borg ma kellu ebda awtorita' joggezzjona ghat-transfers tax-shares. Hu ma kellu xejn minnhom. Pero' oggezzjona l-fatt illi dik il-kumpanija kienet ser topera mill-fond tieghu u qalli car u tond illi jkun hemm min ikun hemm ma kienx sejjer jirrikonoxxieh."

Il-qofol ta' l-argument ta' l-attur jinsab fil-klawsoli tal-kuntratti ffirmati bejnu u bejn it-Two Divers Company Limited u saret referenza ghall-artikolu 10 (1) fejn inghad "Luna Diving Centre and the premises mentioned in clause one would only be operated by the operator during the period of this contract." Fil-bidu ta' l-iskrittura filwaqt illi Natalino Caruana Debrincat qed jidher ghan-nom tat-Two

Divers Company Limited saret referenza ghalih bhala “operator”. Dan l-argument gie mghoddi lis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ ittra datata 19 ta’ Jannar 2004 (fol 57). Fil-fatt l-ittra giet indirizzata lil Mr Natalino Caruana Debrincat The Operator, The Two Divers Company Limited.

Meta  nqalghu l-kwistjonijiet bejn il-partijiet indahal certu Godwin Mifsud li huwa l-partner ta’ omm Natalino Caruana Debrincat Jane Debrincat, li fl-opinjoni tal-Qorti ma ghenx biex il-kwistjoni tigi rrangata, anzi kien strumentali sabiex il-partijiet ma jaslux fi ftehim u jispiccaw il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet illi hija ma kienetx il-legittimu kontradittur. Verament il-Qorti tiskanta kif waslet biex taghmel eccezzjoni bhal din meta kienet hi stess li gabet a konjizzjoni ta’ l-attur illi kwalunkwe referenza ghan-negozju kellu jsir lil din is-socjeta’.  Jibda biex jinghad illi l-iskritturi esebiti gew maghmula dejjem minn Natalino Caruana Debrincat “on behalf of” Two Divers Company Limited, minkejja illi huwa gie deskritt bhala “the operator” fiz-zewg skritturi. Terga’ u tghid permezz ta’ ittra ufficjali ta’ Jannar 2004 (fol 56) l-avukat tas-socjeta’ konvenuta jghid testwalment “jigi ulterjorment sottolineat illi l-iskritturi hawn fuq imsemmija rigwardanti l-kera sas-sena elfejn u ghaxra jorbtu biss lill-partijiet kontraenti u cioe’ Luna  Holiday Complex u The Two Divers Company Limited.” Ghalhekk il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li s-socjeta’ konvenuta giet citata korrettament u hemm relazzjoni kummercjali diretta bejn il-partijiet imsemmija fl-avviz. Veru illi l-attur mhijiex il-Luna Holiday Complex u sid ta’ dan il-kumpless Emmanuel Borg qed jidher personalment. Pero’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta tirrigwarda l-istat legittimu taghha u mhux ta’ l-attur u ghalhekk il-Qorti mhijiex serja tikkonsidra l-istat legali ta’ l-

attur f'din il-kawza, izda biss dik tas-socjeta' konvenuta kif eccepiet hi stess fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk a bazi ta' l-argument fuq imsemmi, fejn il-Qorti ssib illi s-socjeta' konvenuta kienet citata korrettament ghaliex dejjem hi dehret fl-iskrittura kif ammettiet hi stess, f'liema kaz allura din l-eccezzjoni timmerita li tkun michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu s-socjeta' konvenuta qieghda titfa hafna responsabbilta' fuq l-attur talli dan ma osservax it-termini tal-kuntratt u kien ghalhekk illi ma thallewx igawdu mill-fond mikri u konsegwentement dahlu f'diffikultajiet finanzjarji fejn ma setghux ihallsu l-kera.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jreggix fl-isfond tar-rizultanzi processwali. Kif xehed l-istess Natalino Caruana Debrincat id-diffikultajiet tieghu bdew f'Settembru 2003 minhabba problemi matrimonjali. Minhabba fihom sfortunatament, dahal fi problemi medici u ma setghax jiehu hsieb l-interessi tal-kumpanija. Minn dakinhar l'hemm Debrincat ma resaqx iktar lejn il-fond u naturalment l-attur beda jippreokkupa ruhu meta ra l-fond maghluq b'ilmenti gejjin minn nies illi kienu kuntrattati ghal servizzi tac-centru ghad-"diving", sakemm wasal biex ghadda n-nies illi kienu ser joperaw mic-centru tieghu ghal "diving centers" ohra.

Minn hemm bdew il-kwistjonijiet b'Caruana Debrincat ma jridx aktar jersaq lejn il-fondi u l-attur preokkupat meta jara l-eghluq tal-fond tieghu. Debrincat ipprova jsib soluzzjoni interna tal-problemi tieghu billi jitrasferixxi l-ishma tal-kumpanija lil terzi. Haga li legalment seta' jaghmel minghajr l-indhil ta' hadd, izda hawnhekk instab opposizzjoni min nahha ta' l-attur meta invoka l-artikolu 10(1) tal-iskritturi fuq imsemmija li kien

jillimita l-operazzjoni tac-centru f'idejn Caruana Debrincat biss. Naturalment din l-interpretazzjoni setghet tkun miftuha ghal interpretazzjonijiet diversi fis-sens illi kienet is-socjeta' konvenuta bhala operatur u mhux Natalino Caruana Debrincat personalment.

Hu x'inhu pero' r-raguni l-ghala beda l-inkwiet ma kienx dan l-agir da parti tal-attur, izda l-abbandun tal-fond minn Natalino Caruana Debrincat wara li kellu l-problemi personali. Veru illi kienet instabet soluzzjoni bejn il-partijiet bl-intervent tal-avukati koncernati fejn omm Debrincat Jane kienet ser tkompli tiggestixxi l-fond u kien anke sar ftehim fuq il-penali, l-partijiet jirredigu mill-kuntratt, ihallsu l-kera li kienet b'lura u l-istorja tieqaf hemm. Dan pero' jidher illi ma kienx a sodisfazzjon ta' Godwin Mifsud, bniedem estraneju li dahal f'din il-vicenda semplicement bhala partner ta' Jane Debrincat. Mifsud kien aggressiv fl-argumenti tieghu u anke beda jidghi u jgholli lehnu sakemm fl-ahhar spicca biex tkecca mill-meeting u sfratta kwalunkwe arrangament li kien hemm bejn il-partijiet biex spiccaw il-Qorti. Dan kollu pero' gara "ex post facto" peress illi r-raguni promotrici tan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet ta' skritturi msemmija kien in-nuqqas ta' Natalino Caruana Debrincat bhala direttur tas-socjeta' konvenuta illi jkompli jiggestixxi "diving centre" mill-fond ta' l-attur u konsegwentement waqa' moruz fil-hlas tal-kera ghal perijodu ndikat fl-avviz. Hawn ukoll is-socjeta' konvenuta qieghda tikkontesta l-ammonti mitluba peress illi qieghda tghid illi hija kkonsenjat ic-cwievet lill-avukat taghha fi Frar tal-2004, m'ghandhiex tkun responsabbli ghall-penali u fi kwalunkwe kaz il-mera ta' tiswiex mitejn u hmistax-il lira (Lm215) kif indikat fl-avviz izda valur inqas.

Il-Qorti ssib illi l-kalkolazzjoni maghmula mill-attur huma bazati fuq l-iskritturi ffirmati bejn il-partijiet. It-terminu tal-kera mitlub huwa dak it-terminu illi

jieqaf fi zmien indikat fl-iskrittura. Irrizulta li c-cwievet gew ikkonsenjati lill-avukat ta' l-attur f'Gunju 2004 u mhux fi Frar peress illi jidher illi l-avukat tas-socjeta' konvenuta zamm ic-cwievet ghal xi ftit xhur ohra qabel ma ghaddihom lill-attur, f'liema perijodu allura lahqet dahlet skadenza ohra li kien jiggustifika lill-attur jitlob l-ammont ta' elf, hames mija u disa' u hamsin lira Maltin (Lm1,559) bilanc ta' kera kif indikat fl-avviz.

Ghal dak illi huwa l-penali ghax-xoljiment tal-kuntratt, dana huwa stipulat fl-istess kuntratt. Kien gie pattwit bejn il-partijiet fejn dawna kienu ftiehmu bejniethom illi f'kaz tax-xoljiment tal-kuntratt qabel iz-zmien, min kien ixolji kien ikun responsabbli li jhallas dawn il-penali. Ladarba dawna huma stabbiliti b'kuntratt li jorbot lill-partijiet, mhux il-kaz illi l-Qorti tiddisturba dan il-ftehim b'xi kunsiderazzjonijiet ohra "arbitrio bono viri". L-iskritturi fuq imsemmija huma ligi bejn il-partijiet u kien jirrispetta lilhom biex josservawhom. Hija haga verament sfortunata illi Natalino Debrincat ma wasalx fi ftehim ma' l-attur li kien sejjer minghajr pregudizzju, jahfirlu elf lira mill-penali, imma ladarba l-ftehim ma sarx allura l-attur ghandu dritt jitlob sodisfazzjon skond it-termini kollha tal-kuntratt li kien wiehed legali u li fih l-elementi kollha necessarji sabiex jorbot lil kontraenti fit-termini hemm indikat.

Il-Qorti pero' ghandha dubju kemm il-mera setghet tiswa mitejn u hmistax-il lira (Lm215) u ghalhekk f'dan il-kaz sejra tnaqqas din ic-cifra bl-ammont ta' mitt lira biex tigi taqra mija u hmistax (Lm115). Mill-bqija l-Qorti ma tarax kif tista' tiddisturba t-talba ta' l-attur meta hija legalment fondata fl-isfond ta' l-argumenti fuq migjuba.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba

ta’ l-attur u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas is-somma ta’ tlett elef erba’ mija u disa’ u hamsin lira (Lm3,459) kwantu ghal elf, hames mija u disa’ u hamsin lira Maltin (Lm1,559) bilanc ta’ kera ghall-perijodu 15 ta’ Mejju 2003 sa l-24 ta’ Awissu 2004 u elfejn Lira Maltin (Lm2000) penali ghax-xoljiment ta’ kuntratt ta’ kera qabel iz-zmien skond it-termini ta’ skrittura ta’ kera tal-15 ta’ Mejju 2002. U kwantu ghal mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) valur ta’ mera illi kienet twahhlet fl-ambjenti mikrija lis-socjeta’ konvenuta u li ma kienetx hemm meta l-istess socjeta’ halliet l-ambjenti mikrija.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-sentenza appena riprodotta hi fis-sens illi kien l-attur li kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju. Koncizament, b’ illustrazzjoni ta’ dak li skond hi kien jikkostitwixxi l-allegata vjolazzjoni mill-attur, tissottometti dan li gej:-

(1) L-attur ha pussess lura ta’ parti integrali mill-fond mikri, u dan gabha f’ sitwazzoni illi ma setghetx aktar topera, skond il-permessi, minghjar dik il-kamra;

(2) Kien ukoll l-attur li, b’ ostinazzjoni, qala’ l-inkwiet meta impedixxa li l-gestjoni u t-tmexxija ta’ l-operazzjonijiet mill-fond issir, ad eskluzjoni ta’ Natalino Caruana De Brincat, minn terzi;

Ma jidherx li jista’ jkun diskutibbli illi l-manifestazzjoni tal-volonta tal-kontraenti, u allura wkoll tar-rapport guridiku ta’ bejniethom, hi dik li tirrizulta mill-kontenut tal-ftehim, kif artikolat fid-diversi proposizzjonijiet u klawsoli tieghu. Fil-kaz in ezami din il-manifestazzjoni tal-volonta li espressa fl-iskrittura ta’ ftehim tal-15 ta’ Mejju 2002 (fol. 2). Proprju fiha jinghad illi dak li kien qed jinkera kien jikkonsisti minn “*one existing room and part of an adjacent corridor at the*

*back of the premises at Triq il-Qarnit, Mellieha, that forms part of the Luna premises*” (Klawsola 1 ta’ l-iskrittura);

Jirrizulta, mhux ikkontestat, illi waqt il-kors tal-kirja r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta talab lill-attur biex jaghtih permess jaghmel uzu minn kamra ohra biex fiha jqieghed kompressur. Din it-talba giet milqugha, b’ dan li skond l-attur il-kunsens moghti kien “*buona volonta”* tieghu u mhux ghax din il-kamra kienet involuta fil-kirja. Ara xhieda tieghu a fol. 32;

Is-socjeta` appellanti tikkontendi illi dik il-kamra kienet strumentali ghall-otteniment tal-permess biex tkun tista’ topera “Diving School”, u allura, meta l-attur irriprenda pussess taghha huwa gabha f’ qaghda li ma setghetx topera izjed. Tadduci ghalhekk b’ argument illi dak l-agir ta’ l-attur kien vjolattiv tal-kuntratt lokatizju. Fil-fehma tal-Qorti dan l-argoment ma huwiex wiehed tenibbli. Jigi premess qabel xejn illi ma huwiex il-permess ghall-operazzjoni ta’ *diving school* li jikkostitwixxi l-ambjenti mikrija imma l-istipulazzjoni kontrattwali. Is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi illi ghall-fatt tal-permess dik il-kamra ghandha ghalhekk tkun assorbita flimkien mal-kumditajiet l-ohra fil-kuntratt specifikat. Huwa car x’ ambjenti nkrew originarjament u daqstant iehor huwa car illi l-attur qatt ma intenda illi dik il-kamra ghandha tifforma parti *quid unum* mill-ambjenti lokati bl-iskrittura. Fit-tieni lok ir-realta tal-fatti kif johorgu mir-rizultanzi processwali tispjega sew ir-raguni ghaliex l-attur, effettivament, ha lura l-pussess ta’ dik il-kamra. Fost ohrajn, il-waqfien da parti tas-socjeta` konvenuta ta’ l-attivitajiet taghha mill-fond, li baqa’ wkoll maghluq u inoperattiv bhala *diving centre* ghal diversi xhur, tant li kien tnehha wkoll il-kompressur sitwat f’ dik il-kamra. Din hi l-verita centrali tal-kwestjoni, korrettement ukoll ivvalutata u kkummentata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Mhux accettabbli allura li s-socjeta` appellanti tittanta toffri skuzanti inkoerenti mal-kuntratt ta’ ftehim jew li tfittex rifugju fil-kondotta ta’ l-attur biex taddossa fuq dan l-inadempjenza kontrattwali li, fil-konkret, tmiss lilha;

Mod jew iehor dan li appena nghad jghodd ukoll fil-kaz tat-tieni aggravji. Is-socjeta` appellanti donna titlef di vista illi l-pern tal-kwestjoni li tat lok ghal vicenda gudizzjali ma kienx l-atteggjament ta' l-attur fir-rezistenza tieghu li jikkonsentixxi li ghal Natalino Caruana De Brincat jidhol haddiehor fil-gestjoni tal-kumpanija inkwilina izda d-dizinteress li ntwera li l-fond jissokta jigi attivita` kif imiss ghall-iskop objettiv tar-raggungiment ta' interessi li l-partijiet kontraenti kellhom meta rredigew il-ftehim;

Kif inhu sew maghruf f' materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti u dan jissinifika, in linea ta' principju, illi l-kuntratt ma jistax jigi rizolut b' mera volonta unilaterali u lanqas unilateralment modifikati l-konvenzjonijiet appattwiti jew l-obbligazzjonijiet assunti. Dan kif johrog mill-incizi (1) u (2) ta' l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, kombinati flimkien. Ma' dawn hemm, imbaghad, il-kuncett ta' dik il-buona fede espressa fl-Artikolu 993 u li, ghar-rilevanza taghha, timponi fuq il-kontraenti d-dover li jipprezervaw l-interessi ta' xulxin, imprexxindibilment mill-ezistenza ta' l-obbligi specifici kontrattwali;

Maghdud dan, il-Qorti tara li, fil-kumpless tal-provi u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kellu jigi koncess lis-socjeta` appellanti moderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-penali ffissata fis-somma ta' elfejn lira (Lm2000) ghall-ksur tal-kuntratt. Dan, wara kollox, hu hekk possibbli anke fit-termini ta' l-Artikolu 1122 (1) tal-Kodici Civili;

M' hemmx dubbju illi klawsola penali f' kuntratt ghandha funzjoni essenzjalment rizarcitorja intiza biex tiffissa b' mod preventiv, u anke b' mod vinkolanti, l-ammont tad-dannu f' kaz ta' dewmien jew ta' inadempiment. F' dan is-sens jinsab ritenut illi l-klawsola penali "*è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la*

*valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l' inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazzione convenzionale*" ("**Goffredo Chretien *nomine et* -vs- John Ciancio**", Appell Kummercjali, 13 ta' April, 1921);

Dan premess, l-Artikolu 1122 (1) surreferit jaghti lill-Qorti l-jedd li tnaqqas jew timmodifika din il-penali f' certi kazijiet meta jkun jirrizultalha eccessiva. Fil-kaz prezenti l-Qorti hi tal-fehma illi la s-socjeta` konvenuta adempit parzjalment ghall-obbligazzjonijiet taghha u, una volta, ukoll l-attur ha l-utilitajiet minn dik il-kirja, kompriz forsi wkoll it-trawwim tal-fond bhala *diving centre*, la hekk anke fil-prezent ghadu qieghed jigi adoperat (ara xhieda in kontro-ezami ta' l-attur a fol. 80), il-penali ffissata ghandha tigi ridotta bin-nofs in vista tac-cirkustanzi kollha tal-kaz rizultanti mill-provi. Mhux l-anqas, dik tas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta minhabba problemi familjari ma' martu li wasslu sahansitra ghas-separazzjoni, u, forsi wkoll, certa rezistenza zejda mill-attur ghat-trasferiment ta' l-ishma tal-kumpanija lil terzi. Wara kollox, l-istess attur kien hu wkoll accetta f' xi zmien li jitlob biss in-nofs tal-penali. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 31 *et sequitur*. Naturalment ukoll, gjaladarba fir-risposta ta' l-appell tieghu l-attur jaccetta illi llum il-mera li kien hemm fil-fond giet ritornata lilu l-kundanna dwarha tal-hlas tas-somma li ghaliha waslet l-ewwel Qorti ma ghadx hemm lokha. Salv ghal dawn iz-zewg riljievi, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell fl-aggravji hawn fuq esposti, b' dan illi qed timmodifika l-kundanna tas-somma tal-penali billi tirriduciha bin-nofs ghal elf lira Maltin (Lm1000) ekwivalenti ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u, inoltre, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza in kwantu ghal kundanna tal-valur tal-mera gjaladarba hu accettat li din illum giet restitwita lill-attur. Komplessivament, ghalhekk, is-socjeta`

konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta’ elfejn hames mija disgha u hamsin lira Maltija (Lm2559) ossija hamest elef disa’ mija u sittin euro, sebgha u tmenin centezmi (€5960.87). Tenut rigward tac-cirkustanzi, mhux il-kaz li l-Qorti tvarja l-kap ta’ l-ispejjez li ghandhom anke ghal din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------